**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 483/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Malcolm Bondin u Herman Mula)**

**vs**

**Omissis**

**Illum, 10 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omissis

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Settembru 2011 u Jannar 2012, f'hinijiet differenti:

1) Biegh jew xort'ohra traffika fil-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ikkommetta dawn ir-reati li jikkonsistu fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lill-minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, bejn Ottubru 2011 u Marzu 2012, f'hinijiet differenti:

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ghal fini ta' piena, semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi mressqa f'dawn il-proceduri u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok ic-cirkostanzi tal-kaz u li mill-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fil-21 ta' April 2012[1], fil-presenza ta' missieru (stante li fiz-zmien in kwistjoni kien minuri ta' sittax-il sena) u dan wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx, jirrizulta illi huwa kien jikkonsma l-*cannabis grass* bejn Ottubru 2011 u Marzu 2012, li kien jiehu cirka tliet *joints* fil-gimgha u mistoqsi jekk qatt tax jew qassam *cannabis grass*, huwa jghid illi "*Jien personali qatt ma tghajt lin-nies pero kienu jsaqsuni minn fejn jistaw jixtru u jien kont nehodhom ghand Stef. Din forsi gara xi tlieta jew erbgha darbiet qisu xi xahar*

[1] A fol. 57 *et seq* tal-process.

*ilu*", jigifieri ghalhekk ghall-habta ta' Marzu 2012. Jghid illi l-hbieb li kien jiehu ghand din Stephanie huma tal-eta` tieghu u izjed tard, imbaghad, mistoqsi ghaliex dawn il-hbieb kienu jistaqsu lilu dwar il-*cannabis grass*, huwa jghid hekk: "*Ghax jiena gieli meta talbuni shabi kont immur ghand Stephanie fejn kont nixtri l-kannabis bit-25 euros il-gramma jew ftit aktar u* <u>*lil shabi kont inbieghilhom 30 euros. Jien din ghamiltha xi sitt darbiet b'kollox bejn Settembru 2011 u Jannar 2012.*</u> *Peress li jien dawn kienu hbieb tieghi hafna drabi gieli qas kont naqla xejn ghax kont inbieghilhom bl-istess prezz ... Jien dawn il-pakketti dejjem l-istess sitta jew seba' min-nies tghajthom. Ma niftakarx bl-ezatt imma kull meta jsaqsuni kont ingibilhom. Kien hemm okkazzjonijiet fejn forsi gibtilhom pakkett ta' gramma f'xahar u gieli jaf kien hemm xi xhur li jista' jkun li gibt aktar*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Il-Qorti kkunsidrat illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghax-xhur bejn Settembru 2011 u Jannar 2012 u li fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat, jirrizulta illi f'dawn ix-xhur, l-atti ta' traffikar tal-imputat kienu jikkonsistu fil-bejgh tal-*cannabis* lil sitta jew seba' mill-hbieb tieghu fic-cirkostanzi fuq citati. <u>Huwa ghalhekk biss dwar dawn l-atti li l-Qorti ser teroga l-piena f'din is-sentenza</u>. L-informazzjoni li kien jipprovdi l-imputat lill-hbieb tieghu jew l-involviment tieghu fis-sens li kien jehodhom ghand il-fornitur direttament jidher li sehh ghall-habta ta' Marzu 2012 u ghaldaqstant mhux fil-parametri tal-perjodu li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni. In oltre dak li qalu terzi persuni fl-istqarrijiet rispettivi taghhom u li huma kkonfermaw bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ma giex ikkonfermat minnhom f'dawn il-proceduri billi ma tressqux bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni u *in ogni caso* – u dan qed jinghad biss ghaliex id-difiza stess tirreferi ghal dawn l-istqarrijiet sabiex turi kemm kien minimu l-involviment tal-imputat fin-*network* ta' bejgh ta' droga allegatament immexxija minn certu Omissis 1, liema involviment l-imputat jichdu fl-istqarrija tieghu – Gary Falzon jghid illi ltaqa' mal-imputat l-ewwel darba fi Frar 2012 u ghalhekk kwalunkwe involviment li l-imputat seta' kellu in konnessjoni ma' Falzon lanqas ma kien jirreferi ghall-perjodu indikat fl-ewwel imputazzjoni. Mill-bqija la Omissis 3 u lanqas Omissis 1 ma jsemmu lill-imputat odjern.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat kien minuri ta' sittax-il sena meta sehh il-kaz odjern u li ghaldaqstant, japplikaw fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ic-cirkostanzi fuq indikati u anke in vista tal-kunsiderazzjonijiet li ser taghmel il-Qorti izjed 'il quddiem, qed tnaqqas il-piena applikabbli b'zewg gradi. Il-Qorti qed tikkunsidra wkoll ghal fini ta' piena, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn

il-proceduri u li huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Issa f'dan il-kaz, fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx li fil-konfront tal-imputat ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, id-difiza ssostni illi dawn ghandhom japplikaw in vista tal-kooperazzjoni tal-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija. U fil-fatt hija din l-unika konstestazzjoni tad-difiza.

Fil-fatt id-difiza tikkontendi illi l-imputat effettivament semma' erba' persuni fl-istqarrija rilaxxjata minnu, li minghandhom huwa kien jixtri d-droga u b'mod partikolari tnejn minn dawn il-persuni ma kinux noti lill-pulizija qabel ma ssemmew mill-imputat. Tissottometti wkoll id-difiza illi ghalkemm l-imputat ma kkonfermax din l-istqarrija tieghu bil-gurament, semmai dan kien in segwitu ghall-malintiz, ghaliex kif jghid missier l-imputat fix-xhieda tieghu, l-istess imputat kien qed jistenna li jibaghtu ghalih il-pulizija sabiex jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament u dan wara li kien gie msemmi lilu l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond id-difiza, la darba l-imputat semma' l-fornituri tieghu – u d-difiza hawnhekk issemmi liz-zewg fornituri li kienu injoti lill-pulizija sa dakinhar li ssemmew mill-imputat - il-Prosekuzzjoni kellha diga` kaz sabiex tressaqhom, anke a bazi biss tax-xhieda tal-imputat. Min-naha tieghu, l-Ispettur Malcolm Bondin, fuq domandi dwar dan il-punt mid-difiza, xehed dwar kif tnejn mill-persuni msemmija mill-imputat ossia Omissis 3 u Omissis 1 diga` kienu gew investigati mill-pulizija qabel l-imputat u li ghalhekk ma kienx bis-sahha tal-kooperazzjoni tal-imputat li nqabdu dawn il-persuni. Fil-fatt jirrizulta car illi Omissis 3 irrilaxxja stqarrija fit-2 ta' April 2012, fil-waqt li Omissis 1 irrilaxxja l-ewwel stqarrija nhar il-5 ta' April 2012 u ghalhekk it-tnejn li huma qabel gie investigat l-imputat odjern. Dwan dan lanqas hemm kontestazzjoni mid-difiza. Fir-rigward tal-ahwa Brincat, imbaghad, l-Ufficjal Prosekutur jghid illi ghalkemm kien in segwitu tal-istqarrija tal-imputat li l-pulizija saret taf b'Kenneth Brincat, biss ma kienx a bazi ta' din l-informazzjoni li huwa eventwalment tressaq il-Qorti, apparti li f'parti ohra tax-xhieda tieghu, huwa jghid ukoll illi kien hemm terzi li ghamlu stqarrija guramentata fil-konfront ta' Kevin Brincat. L-Ufficjal Prosekutur jghid ukoll illi huwa ma qiesx li seta' jressaq lil Brincat il-Qorti a bazi biss tal-informazzjoni li kien pprovda l-imputat, ghaliex dehrlu li ma kellux bizzejjed provi f'idejh, tenut kont ukoll illi l-imputat ma kienx ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament. Dwar Stephanie Brincat, l-Ufficjal Prosekutur jghid illi din inqabdet meta sar *raid* gewwa garaxx fiz-zmien vicin ix-xhieda tal-istess Ufficjal Prosekutur (li xehed fi Frar 2016) u ghalhekk mhux in segwitu tal-informazzjoni moghtija mill-imputat. Jidher ukoll mix-xhieda tal-Ispettur illi fil-konfront ta' Stephanie Brincat, il-

pulizija kellha wkoll stqarrija guramentata ta' terza persuna. Jerga' jghid illi fiz-zewg kazijiet, a bazi tal-informazzjoni li pprovda l-imputat biss, huwa ma dherlux li kellu kaz sod biex imexxi fil-konfront tal-ahwa Brincat. L-Ispettur Bondin jghid ukoll illi huwa kien spjega lill-imputat li seta' jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament, izda dan baqa' ma kellmux lura, hlief xi tliet xhur qabel tramite l-avukat tieghu, meta allura kien ghaddew diga` xi sentejn minn meta hargu l-imputazzjonijiet odjerni fil-konfront tal-imputat.

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.*"

U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anna Spiteri**, moghtija fl-10 ta' April 2014:

"*Huwa ovvju li hawnhekk il-ligi qed tipprospetta zewg possibilitajiet: l-ewwel wiehed meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-process illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun ghenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, u t-tieni kaz, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba hatja, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-pulizija. F'kaz il-wiehed jew l-iehor, l-artikolu 29 jipprovdi ghat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta' prigunerija din titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn, u fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.*"

Fl-istess sentenza, imbaghad, il-Qorti rreferiet ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Mifsud**, moghtija fit-2 ta' Awwissu 1999, fejn inghad hekk dwar din id-disposizzjoni tal-ligi:

"*Kif din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tfisser f'sentenzi oħra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' priġunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux biżżejjed li dak li jkun isemmi l-persuna mingħand min ikun xtara d-droga; irid jirriżulta li b'dik l-informazzjoni l-akkużat ikun effettivament **għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna**. Jekk minkejja dik l-għajnuna, il-pulizija ma jkollhiex provi*

*biżżejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diġa` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma' mill-akkużat, ma jkunx jista' jingħad li l-akkużat ikun għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti faċilment jiġri li, biex persuna tnaqqas mill-piena tagħha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies* *<u>li jistgħu jkunu innoċenti</u>, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li* ***<u>diġa` nqabdu in konnessjoni mal-bejgħ ta' droga lilha</u>***"[2] [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Issa applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi ghalkemm l-ahwa Brincat saru maghrufa mal-pulizija mill-informazzjoni li pprovda l-imputat – ghalkemm ukoll skond ix-xhieda tal-Ispettur Bondin jidher ukoll li kien hemm terza persuna[3] li semmiet lill-ahwa Brincat u mhux biss l-imputat – biss jirrizulta wkoll illi ma kinitx a bazi ta' din l-informazzjoni li l-pulizija effettivament wasslet sabiex tressaq lill-istess ahwa quddiem il-Qorti. Jirrizulta wkoll illi l-pulizija qieset li ma kellhiex provi bizzejjed sabiex tressaq lill-ahwa Brincat a bazi biss tal-informazzjoni li kien pprovda l-imputat, u dan anke ghaliex huwa ma kienx irrilaxxja stqarrija guramentata fil-konfront taghhom u dan skond l-Ispettur Bondin, kuntrarjament ghal terza persuna li kienet irrilaxxjat ukoll stqarrija guramentata. Jidher ukoll illi kien in segwitu ghall-investigazzjonijiet separati u indipendenti mill-informazzjoni li kien pprovda l-imputat, li l-ahwa Brincat effettivament tressqu l-Qorti, tant illi mix-xhieda tal-Ispettur Bondin, jirrizulta wkoll illi l-kaz tal-prosekuzzjoni kontra l-ahwa Brincat m'huwiex ibbazat bl-ebda mod, fuq xi xhieda, anke prospettiva, tal-imputat odjern. Kif inghad fis-sentenza fuq citata, m'huwiex sufficjenti li wiehed isemmi l-ismijiet tal-fornitur tieghu, izda jrid jirrizulta wkoll illi b'dik l-informazzjoni huwa jkun verament ghen sabiex il-pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant ossia lill-fornitur tieghu l-Qorti. L-informazzjoni li ta l-imputat, madankollu, ma kinitx bizzejjed f'dan il-kaz sabiex l-ahwa Brincat jitressqu l-Qorti, izda anzi jidher li dawn tressqu ghal kollox fuq provi separati u indipendenti mill-informazzjoni li kien pprovda l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, il-pulizija kellha kull dritt tikkunsidra illi la darba l-istqarrija tal-imputat ma kinitx giet ikkonfermatha minnu bil-gurament, ma kellhiex bizzejjed provi li a bazi taghha setghet tressaq lill-ahwa Brincat quddiem il-Qorti u *in ogni caso*, il-Qorti m'ghandiex tidhol f'dak li seta' jew messu sar, izda f'dak li effettivament jirrizulta li sar. Veru li donnu kien hemm malintiz ghaliex jidher illi l-imputat u missieru fehmu li kienu ser jibaghtu ghalihom il-pulizija sabiex l-imputat jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament,

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali – The Republic of Malta vs Kamil Kurucu, 14 ta' Gunju 2007; Ir-Repubblika ta' Malta vs Antoine Debattista, 19 ta' Jannar 2006, Il-Pulizija vs Cuschieri, 7 ta' Jannar 1999; Il-Pulizija vs Philippa sive Filippa Chircop, 2 ta' Marzu 2007.

[3] Ghalkemm l-Ispettur Bondin isemmi zewg persuni ossia lil Omissis 1 u lil Omissis 4 li semmew lill-ahwa Brincat, mill-istqarrija guramentata ta' Omissis 1 ma jirrizultax li dan semma' lill-imsemmija ahwa. L-istqarrija guramentata ta' Omissis 4 ma gietx esebita f'dawn il-proceduri.

izda fl-ewwel lok, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita illi effettivament l-Ispettur Bondin kien verament spjega lill-imputat l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 29 u f'dan ir-rigward, anke missieru kkonferma li ssemma lilu dak li huwa jsejjahlu '*clause 29*' u fit-tieni lok, il-pulizija ma kellhiex obbligu li toqghod tigri wara l-imputat sabiex jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament, la darba kienu diga` gew spjegati lilu l-implikazzjonijiet tal-imsemmi artikolu. Kien semmai jinkombi fuq l-imputat li jfittex li jiehu parir legali wara li gie rrilaxxjat mill-arrest sabiex jaghraf jara x'kien l-ahjar mezz biex huwa jiddefendi ruhu fil-kaz tieghu u certament li kellu bizzejjed zmien sabiex dan jaghmlu. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li f'dawn ic-cirkostanzi, ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Naturalment, dan ma jfissirx li l-Qorti m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-kooperazzjoni shiha tal-imputat waqt l-interrogatorju tieghu.

Fil-kuntest tal-piena, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Dr. Maria Axiaq u Donia Micallef, kif ukoll ta' missier l-istess imputat u b'mod partikolari, il-kundizzjoni jew kundizzjonijiet li jbati minnhom l-imputat u li dwarhom ghadu qieghed jiehu l-kura u qed jigi segwit proprju minn Dr. Maria Axiaq, li bl-appogg tal-genituri tieghu, fittex l-ghajnuna, li llum m'ghadux jaghmel uzu mid-droga u li kompla jistudja. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ser tghaddi biex timponi l-piena ta' prigunerija tassattiva fil-minimu taghha.

Qieset ukoll fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet illi sa fejn dawn jirreferu ghall-istess perjodu ta' zmien, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u ghar-rimanenti, kif ukoll fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), (h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghall-piena ta' **xahrejn prigunerija effettiva** u ghall-**ammenda komplessiva ta' mitt Euro (€100)**.

In vista tal-kundizzjonijiet psikjatrici li minnhom isofri l-hati, il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti li l-hati jinghata l-opportunita` li jibqa' jigi segwit mill-professjonisti li jsegwuh fil-prezent u l-

ghajnuna kollha necessarja kif rakkomandat minn tali professjonisti, fosthom u b'mod partikolari Dr. Maria Axiaq u li tigi esplorata wkoll il-possibilita` li huwa jiskonta l-piena ta' prigunerija hawnhekk erogata gewwa l-*Young Offenders Unit Rehabilitation Services* u dan fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna wkoll id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-hati, kif ukoll ta' Omissis 1, Omissis 3 u Omissis 4, stante li kienu lkoll minuri fiz-zmien tal-kaz odjern.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga esebiti bhala Dok. MB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat